MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 372/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Omar M. Ammar Z. Jolqham**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Omar M. Ammar Z. Jolgham ta’ 30 sena iben Mohammed u Mabruka, imwieled Ghorian, Libja, fit-30 ta’ Ottubru 1975 u residenti Wied il-Ghajn, detentur ta’ passaport Libjan numru 466934, talli f’dawn il-Gzejjer, gewwa Wied il-Ghajn, fit-30 ta’ Gunju 2006, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1) b’eghmil zieni kkorrompa lil MM, minuri ta’ disa’ snin;

2) eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ l-istess minuri MM;

3) seraq, b’qerq jew seduzzjoni, lill-imsemmi minuri MM bil-hsieb li jabbuza minnu;

4) bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil MM, persuna taht l-eta` kontra l-volonta` tieghu u dan bhala mezz biex hu jigi mgieghel jaghmel xi haga, jew joqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess tieghu;

5) offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Ottubru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Omar M. Ammar Z. Jolgham hati skond l-ewwel imputazzjoni bl-assorbiment, ghall-fini ta’ piena, tat-tieni imputazzjoni, hati tat-tielet imputazzjoni, hati tal-hames imputazzjoni, izda mhux hati tar-raba’ imputazzjoni (li minnha ghalhekk illiberatu), u kkundannatu ghall-piena ta’ erba’ (4) snin prigunerija.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Omar M. Ammar Z. Jolgham, minnu prezentat fid-29 ta’ Ottubru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2008; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu, in sostanza, li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha; f’dan il-kuntest jilmenta in partikolari li fid-deposizzjoni tat-tfajjel MM, meta mqabbla ma’ dak li xehed haddiehor, kien hemm certi inkonsistenzi li l-ewwel qorti ma tathomx wisq importanza. It-tieni aggravju, li hu pedissekwu ghall-ewwel wiehed, hu fis-sens li l-akkuzi li taghhom l-appellant instab hati ma gewx pruvati sal-grad li

trid il-ligi. Fl-ahhar nett l-appellant jilmenta mill-piena inflitta li huwa jqis li kienet wahda eccessiva.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, inkluza r-registrazzjoni fuq *video-tape* tad-deposizzjoni tal-minuri in kwistjoni. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m'ghandhiex l-icken ezitazzjoni li tikkonkludi li dak li qal li gara u li ghadda minnu t-tfajjel MM huwa minnu. Il-fatti saljenti huma li fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni, ghall-habta ta' bejn id-9.30 / l-10.00 ta' filghaxija, MM, li kellu disa' snin, mar il-kazin tal-banda f'Wied il-Ghajn u hemm, fil-bar tal-kazin, kien hemm l-appellant qed jixrob. It-tfajjel, li mar hemm, kif kien solitament jaghmel, biex jistaqsi ghar-ragel tal-mara li dak il-hin kienet qed tiggestixxi l-bar ta' l-imsemmi kazin -- u dan peress li hu kien midhla ta' din il-koppja -- pogga fuq banketta mal-bar vicin ta' fejn kien hemm l-appellant. Dan, min-naha tieghu, l-ewwel beda jkellem lit-tfajjel u ftit wara bil-pala ta' idejh beda jmellislu koxxtejh kif ukoll idejh. It-tfajjel ripetutament nehha id l-appellant minn mieghu. L-appellant anke qabad id it-tfajjel u poggieha mal-parti genitali tieghu, cioe` tal-appellant (naturalment fuq il-hwejjeg li kien liebes), u t-tfajjel rega' nehha idejh[1] minn hemm. Wara xi hin it-tnejn li huma hargu l-barra mill-bar – mhux car min hareg l-ewwel – pero` li hu zgur hu li l-appellant baqa' miexi qrib it-tfajjel u bil-kliem stiednu jmur jara l-appartament fejn kien qed joqghod (li nserta kien fil-qrib). MM qallu li ma jridx jarah ghax, meta intebah fejn kien joqghod l-appellant, irrealizza li f'dik id-dar kien dahal drabi ohra meta hemm kienet tghix familja li kellha t-tfal u wiehed minnhom kien habib tieghu. Kif, pero`, waslu quddiem il-bieb ta' dan l-appartament, l-appellant qabad lil MM sew minn idu u dahhlu gewwa, sakkar il-bieb ta' barra, u tela' bit-tifel fuq. Lit-tifel beda jipprova jikkonvincieh joqghod bilqeghda fuq koxxtejh. MM irrifjuta. L-appellant stieden ukoll lit-tifel

[1] Ma huwiex car jekk kienx hemm anke okkazzjoni fejn l-appellant mess, minn fuq il-hwejjeg, lit-tifel fil-parti genitali tieghu. Ghalkemm hemm indikazzjoni ta' dan a fol. 32 tal-process, jista' jaghti kaz li dan hu *lapsus linguae*, u anke hawn ix-xhud ried jirreferi jirreferi ghall-parti genitali ta' l-istess appellant. Din il-Qorti qed tghid hekk ghax ir-referenza wahda ghall-parti genitali tat-tifel, ghad-differenza tar-referenzi ghal aktar minn darba ghall-parti genitali tal-appellant, tissemma kwazi *en passant* waqt li x-xhud – cioe` it-tifel – qed iwegeb mistoqsijiet tad-difiza dwar kemm dam b'kollox l-incident fil-kazin – ara fol. 31.

"jaghmlu sess", it-tifel rega' rrifjuta u dar biex jitlaq mill-appartament. L-appellant mar jigri t-tarag warajh u pprova jbusu fuq xofftejh. MM imbuttah mal-hajt u beda jipprova jiftah il-bieb, pero` ma rnexxielux. F'dan il-waqt stess l-appellant fetahlu l-bieb u t-tfajjel telaq jigri 'l barra mbikkem.

L-ewwel Qorti rravvizat f'dan kollu r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatti kif deskritti mit-tfajjel MM, fil-fehma ta' din il-Qorti, jammontaw (ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni) ghar-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur tat-tfajjel MM – reat li hu inferjuri fil-gravita` ghal, izda kompriz u involut fi, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni – u fil-forma kontinwata stante li certi atti sehhew fil-kazin u ohrajn fl-appartament. Din il-Qorti kellha diga` okkazzjoni li telabora dwar id-differenza bejn iz-zewg reati fis-sentenza taghha tat-13 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Micallef**, ghal liema sentenza qed issir piena referenza a skans ta' hafna ripetizzjoni. Inghad in partikolari f'dik is-sentenza hekk:

**"Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti tara li l-atti kommessi mill-appellant, deplorevoli kemm huma deplorevoli meta wiehed iqis ir-relazzjoni li kienet tezisti ta' ghalliem u studenti, ma kienux jammontaw ghal atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna peress li, ghall-anqas kif jirrizulta li gew kommessi f'dan il-kaz -- tokkamenti ta' malajr u minghajr ma gew preceduti jew segwiti b'xi attitudini ta' seduzzjoni -- dawn l-atti kienu nieqsa mill-potenzjalita` korrutrici. Dawn l-atti, izda, certament wasslu biex jilledu s-sens ta' pudur tat-tfajliet li, minkejja l-eta` tenera taghhom, hassew li kien hemm xi haga mhux korretta f'dak li kien qed jaghmel l-appellant, nehhewlu idejh, u tlieta minnhom anke rraportawh dak il-hin stess lil Miss Casalletto. L-appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolent meta jsir fuq persuna taht l-eta` ta' tnax-il sena (Art. 201(a), Kap. 9). Anke li kieku ma kienitx tapplika din id-disposizzjoni b'din il-presunzjoni ta'**

**ligi, mill-provi jirrisulta car li dak li sar mill-appellant sar kontra l-volonta` tat-tfal in kwistjoni u, f'dan is-sens, vjolentement. L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti…"**

Anke fil-kaz in dizamina, ghandna biss tokkamenti fuggeski fuq il-parti genitali u fuq il-hwejjeg, tmellis fuq l-idejn u l-koxxa u – fl-appartament – tenatttiv ta' bewsa fuq ix-xufftejn. Ebda wiehed minn dawn l-atti ma jammonta ghal att ta' libidini – "lewd act" – *ut sic*, ghalkemm jistghu certament ikunu l-preludju ghal tali atti. Dawn gew kommessi f'zewg okkazzjonijiet separati, fil-kazin u fl-appartament, izda certament saru bhala konsegwenza ta' risoluzzjoni wahda, risoluzzjoni preordinata biex l-appellant jillixka lit-tfajjel ghal atti aktar serji. Il-piena ghall-dan ir-reat, fil-forma kontinwata, hija minn minimu ta' hames xhur prigunerija sa massimu ta' sentejn prigunerija.

L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati wkoll skond it-tieni imputazzjoni, ghalkemm, ghall-fini ta' piena, qieset li dan ir-reat kien assorbit fl-ewwel imputazzjoni. Galadarba din il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, izda biss dak ta' attentat vjolent ghall-pudur, l-assorbiment jispicca. Pero` din il-Qorti anqas hi tal-fehma li l-appellant ghandu jinstab hati tar-reat kunsmat taht l-Artikolu 203A, izda biss tat-tentattiv ta' dan ir-reat, u dan peress illi l-appellant <u>ipprova</u>, bil-kliem li uza fl-appartament kif ukoll bit-tokkamenti fil-kazin, jeccita l-korruzzjoni tat-tfajjel izda fil-fehma ta' din il-Qorti irnexxielu biss ibezzghu u mhux jikkorrompih. Il-piena hija ghalhekk dik ta' prigunerija ghall-periodu ta' mhux aktar minn tlett snin.

It-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-appellant hija dik ta' serq ta' persuna <u>b'qerq jew seduzzjoni</u> ghall-fini ta' abbuz – Artikolu 199(2) tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm din il-Qorti taqbel ma l-ewwel qorti li kien hemm element ta' qerq u anke seduzzjoni f'dak li qal u ghamel l-appellant, dan il-qerq u seduzzjoni ma kienux ic-cirkostanzi determinanti li wasslu lit-tfajjel biex jidhol fid-dar ossia appartament ta' l-appellant. It-tfajjel MM gie kwazi migbud

bil-forza ghal go dan l-appartament, u mhux dahal hemm ghax gie mqarraq jew sedott. Kien aktar jikkonfigura f'dan il-kaz ir-reat ta' sekwestru tal-persuna (li minnu, pero`, l-appellant gie lliberat mill-ewwel qorti u ma hemm ebda appell dwar dan min-naha ta' l-Avukat Generali) jew ir-reat ta' serq ta' persuna bil-vjolanza fit-termini ta' l-Artikolu 199(1), reat, dan ta' l-ahhar, li l-appellant ma gie qatt akkuzat bih.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti taqbel li b'dak li sehh fil-kazin tal-banda, hemm ukoll ir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali – l-offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant mhux hati skond ir-raba' imputazzjoni kif ukoll fejn sabitu hati skond il-hames imputazzjoni, izda thassarha u tirrevokaha fil-kumplament, u minflok issib, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, lil-appellant mhux hati ta' din l-imputazzjoni izda hati tar-reat minuri, izda kompriz u involut f'dik l-ewwel imputazzjoni, ta' attentat vjolent u kontinwat ghall-pudur, kif ukoll hati ta' tentattiv tar-reat kontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali u cioe` hati ta' tentattiv ta' istigazzjoni ta' korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta`, u tikkundanna lill-istess appellant ghall-piena komplessiva ta' sentejn u hames xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------